# **Minuti tal-24 laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv St Peter's**

L-erbgħa u għoxrin laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv St Peter's saret nhar l-Erbgħa, 29 ta' Frar, 2012.

Item 1 – Attendenza u Apoloġiji

Preżenti kienu ċ-*Chairperson* is-Sinjura Marlene Debattista, il-Viċi-Sindku s-Sur Norman Clews u l-membri s-Sinjuri Joe Agius u Luciano Farrugia.

Is-Sur Mario Bartolo talab li jkun skużat.

Item 2 – Approvazzjoni tal-Minuti

Il-minuti tat-23 laqgħa ġew unanimament approvat fuq proposta tas-Sur Farrugia li ġiet issekondata miċ-*Chairperson*.

Item 3 – Mistoqsijiet u Affarijiet mill-Minuti

Is-Sur Farrugia staqsa jekk kienx sar kuntatt mal-Enemalta biex il-Kumitat Amministrattiv ikun jaf aktar dwar il-pjanijiet tal-Korporazzjoni Enemalta għal *sub-station* li hemm fi Triq San Leonardu biex ma jkunx hemm il-ħtieġa li Triq il-Marżebb titkisser wara li tingħata t-tarmak.

Dwar ix-xogħol li ser issir fi Triq il-Marżebb is-Sur Farrugia qal li Triq iż-Żarżarell li tmiss ma' Triq il-Marżebb tinsab f'kundizzjoni ħażina u wkoll jeħtieġ li jsir manutenzjoni fiha.

Dwar il-parti mhux asfaltata ta' Triq il-Marżebb, is-Sur Farrugia saħaq dwar l-importanza li ssir pressjoni ma' Trasport Malta biex din il-parti tat-triq issir max-xogħol li ser ikun qed jagħmel il-Kumitat Amministrattiv fit-triq prinċipali. Is-Sur Farrugia saħaq ukoll dwar l-importanza li jiġi rranġat il-ħajt tas-sejjiegħ li hemm imwaqqa' fi Triq il-Marżebb.

Item 4 – Korrispondenza

Inqrat ittra mibgħuta mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali fejn il-Kumitat Amministrattiv ġie nfurmat illi l-allokazzjoni tal-Kumitat għas-sena 2012 ser tkun ta' €66,74,0.

Inqraw il-minuti tal-Laqgħa Annwali Pubblika 2012 li saret nhar it-Tnejn, 27 ta' Frar, 2012.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma dwar ix-xogħol propost biex isir fi Triq il-Marżebb.

Item 5 – Xogħol tal-Kumitat

Fuq proposta tas-Sinjura Debattista li ġiet issekondata mis-Sur Farrugia, il-Kumitat approva unanimament l-Estimi Annwali għas-sena 2012.

Is-Sur Norman Clews semma l-ħtieġa li ssir bankina ġdida f'parti minn Triq San Leonardu u ppropona li jsir kuntatt mas-Sindku tal-Kalkara biex issir bankia bejn iż-żewġ kunsilli minn ħdejn l-*istage* ta' Triq San Leonardu sal-ħajt li hemm fil-bidu tal-konfini mal-Kalkara. Is-Sinjura Debattista ssekondat lis-Sur Clews u l-Kumitat qabel unanimament li ssir din il-bankina.

Item 6 – Affarijiet Oħra

Is-Sur Farrugia semma l-ħtieġa li l-Kumitat jagħmel dak kollu possibbli biex tiġi rranġata l-*bottleneck* perikoluża fl-entratura ta' Triq l-Għakrux.

Is-Sur Agius talab li jiġu rranġati mirji mkissra li hemm fi Triq San Leonardu.

Is-Sur Farrugia semma l-ħtieġa li jsiru marki tat-traffiku fi Triq San Leonardu u jekk hu possibbli jsiru *road humps* biex jonqos il-periklu. Is-Sur Agius issekonda lis-Sur Farrugia u l-Kunsill qabel unanimament li jsiru.

Is-Sinjura Debattista semmiet il-ħtieġa li tiġi rranġata l-art fi Triq Victor Cauchi ma' Triq il-Farfett tal-Fejġel.

Hija talbet ukoll li tiġi rranġata ħofra li hemm fl-isqaq li minn Triq il-Farfett tal-Fejġel iwassal għal Triq iż-Żarżarell.

Is-Sur Farrugia semma l-possibilta li d-dawra ta' madwar il-bandli ta' Triq l-Għakrux ssir żona pedonali u tiġi pavimentata.

Is-Sur Farrugia semma wkoll il-ħtieġa li jitneħħew blokki tal-konkos li tħallew fi Triq il-Farfett tal-Fejġel mill-kumpanija Rock Cut.

Dwar il-passaġġ li hemm bejn il-*playing field* u l-garaxxijiet, is-Sur Farrugia talab li dan jiġi rranġat fl-iqsar żmien possibbli biex jiġi evitat li jintefa' xi skart ieħor.

Il-laqgħa spiċċat fis-7.30 ta' filgħaxija.

Duncan Busuttil
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fil-ħamsa u għoxrin laqgħa li saret nhar it-Tnejn, 26 ta' Marzu, 2012.

Marie Elena Debattista
*Chairperson*